# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 5**

**Rikors numru 783/2016/1 AF**

**Georgina armla minn Philip Grima, Joseph Grima u Doreen Grima**

**v.**

**Joseph u Rose konjuġi Micallef u Mark Micallef**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti Micallef minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Marzu, 2019, li permezz tagħha laqgħet it-talbiet attriċi u pprefiġġiet terminu ta' xahrejn sabiex il-konvenuti jneħħu l-oġġetti kollha li hemm fil-parti tal-għalqa okkupata minnhom.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-7 ta' Settembru, 2016, l-atturi fissru li l-mejjet Philip Grima kien xtara mingħand Francesco Fenech, permezz ta' kuntratt pubbliku tas-6 ta' Mejju, 1966 fl-atti tan-Nutar Dr Carmelo Lia, l-għelieqi li jinstabu fil-kuntrada tax-Xgħajra, limiti ta' Ħaż-Żabbar, ċjoè l-għalqa ta' Dora *sive* Tat-Tombu ta' madwar tomnejn, konsistenti fi tliet kanni flimkien, konġunti bil-kamra rurali li hemm fihom; u (b) l-għalqa Ta' Dora *sive* Ta' Tombu ta' madwar ħames sigħan, konsistenti f'żewġ kaxxi flimkien, konġunti bil-kamra rurali li hemm fihom, kif soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €1.70c, liberi u franki minn affarijiet oħra.

3. Dawn l-għelieqi nxtraw waqt iż-żwieġ. Wara l-mewt ta' Philip Grima nhar it-2 ta' Diċembru, 2015, il-wirt tiegħu għadda *ab intestato* fuq l-eredi. Komplew ifissru li ċ-ċens annwu u perpetwu kien oriġinarjament jitħallas lill-Knisja ta' San Filippo ġewwa l-Isla, u wara lill-Uffiċċju Konġunt skont l-irċevuti mehmuża. Dan iċ-ċens kien imħallas sas-sena li ġiet ippreżentata l-kawża.

4. Komplew li permezz ta' kuntratt tal-15 ta' Settembru, 2005 fl-atti tan-Nutar Dr Carmelo Lia, il-konjuġi Joseph u Rose Micallef taw b'donazzjoni art ta' madwar 1170 metri kwadri fil-limiti tax-Xgħajra, Ħaż-

Żabbar lil Mark Micallef meta din ma kinitx proprjetà tagħhom imma tal-atturi.

5. Jgħidu li l-konvenuti okkupaw parti mill-għalqa Ta' Dora *sive* Ta' Tombu billi ħallew kontejner, qafas ta' karozzi, biċċiet tal-ħadid, *White goods, speed boat,* żiemel tat-trakk u oġġetti oħra. Dan sar bil-moħbi u mingħajr il-kunsens u l-approvazzjoni tagħhom, b'mod abbużiv u llegali u mingħajr ebda titlu validu fil-liġi. L-atturi jsostnu li l-konvenuti qatt ma kienu fil-pussess ta' din l-art u qegħdin jippretendu li parti minn din l-art miksuba mill-istess atturi hija proprjetà tagħhom.

6. Iżidu li permezz tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Lulju, 2016 huma talbu lill-konvenuti jiżgumbraw mill-art u li huma jiġu reintegrati f'parti mill-proprjetà mixtrija minn Philip Grima billi l-konvenuti kkuntrattaw b'mod fażull kuntratt ta' donazzjoni u approprjaw ruħhom mill-art mingħajr ebda titlu validu fil-liġi.

7. L-atturi għaldaqstant fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"1.Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-atturi huma proprjetarji tal-għalqa Ta' Dora sive Tat-Tombu ta' ċirca tomnejn, konsistenti fi tliet kanni flimkien konġunti bil-kamra rurali li hemm fihom u tmiss mil-Lbiċ ma' Sqaq ta' Żaqq il-Ħajr, mix-Xlokk ma' beni ta' Carmelo Buhagiar u mill-Majjistral ma' beni ta' Joseph Vassallo qabel ta' Grazio Borg li b'mod abbużiv u llegali l-intimati jippretendu li parti minnha hija proprjetà tagħhom.*

*2. Tordna lill-intimati biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom stabbilit minn din il-Qorti jneħħu 'container', qafas ta' karozzi ossija 'scrap', biċċiet tal-ħadid, white goods, speed boat, żiemel tat-trakk u oġġetti oħra.*

*3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi biex ineħħu kull 'container', qafas ta' karozzi ossija 'scrap', biċċiet tal-ħadid, white goods, speed boat, żiemel ta' trakk u oġġetti oħra u dan a spejjeż tal-intimati.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Lulju 2016 u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni."*

8. Il-konvenuti Micallef ressqu risposta maħlufa fid-29 ta' Settembru, 2016 u fiha qalu hekk:

"*It-talbiet tal-atturi rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li l-art mertu tal-kawża hija llum proprjetà tal-eċċipjenti u dana kif ser jirriżulta waqt il-kawża. Jingħad li l-esponenti Joseph u Rose konjuġi Micallef kienu ilhom jokkupaw l-art inkwistjoni għal tlieta u tletin sena b'mod kontinwu, mhux miksur u paċifiku. Sussegwentement l-art ingħatat b'donazzjoni lill-konvenut Mark Micallef. L-esponenti dejjem għamlu dak li għamlu in bona fede [Art. 531(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta] u dana kuntrarjament għal dak allegat fir-rikors ġuramentat u kif ser jirriżulta waqt il-ġbir tal-provi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*"

9. Fid-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Marzu, 2019, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u pprefiġġiet terminu ta' xahrejn sabiex il-konvenuti jneħħu l-oġġetti kollha li hemm fil-parti tal-għalqa okkupata minnhom, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti.

10. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

"*Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti qegħdin jirrivendikaw proprjetà tagħhom f'Ħaż-Żabbar okkupata mill-intimati.*

*Ir-rikorrenti jsostnu illi huma l-proprjetarji tal-art mertu tal-kawża odjerna ossia l-għalqa ta' Dora, sive ta' Tombu ta' ċirka tomnejn, konsistenti fi tliet kanni flimkien konġunti bil-kamra rurali li hemm fihom u tmiss mil-Lbiċ ma' Sqaq ta' Żaqq il-Ħajr, mix-Xlokk ma' beni ta' Carmelo Buhagiar u mill-Majjistral ma' beni ta' Joseph Vassallo qabel ta' Grazio Borg, u l-għalqa ta' Dora sive Ta' Tombu ta' ċirka ħames sigħan, konsistenti f'żewġ kaxxi flimkien konġunti bil-kamra rurali li hemm fihom u li tmiss mil-Lbiċ ma' Sqaq ta' Żaqq il-Ħajr, Nofsinhar ma' proprjetà ta' Carmelo Buhagiar u mit-Tramnuntana ma' proprjetà ta' Carmelo Tabone kif soġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €1.70c liberi u franki minn affarijiet oħra[1].*

*Jirriżulta li din l-art kienet ġiet akkwistata mill-mejjet Philip Grima flimkien ma' martu r-rikorrenti Georgina Grima permezz ta' kuntratt tas-6 ta' Mejju 1966 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia[2] mingħand Francesco Fenech, u wara l-mewt tal-imsemmi Philip Grima sehmu mill-art inkwistjoni ntiret mill-armla tiegħu u minn uliedu, ilkoll rikorrenti.*

*L-intimati b'kuntratt tal-15 ta' Settembru 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia[3], ikkuntrattaw bejniethom kuntratt ta' donazzjoni fuq din il-proprjetà. Da parti tagħhom, l-intimati jgħidu illi l-għalqa ilha fil-pussess tagħhom għal tlieta u tletin sena. L-intimati okkupaw parti mill-għalqa ta' Dora sive Ta Tombu billi poġġew container, qafas ta' karozzi ossija scrap, biċċiet tal-ħadid, white goods, speed boat, ziemel ta' trakk u oġġetti oħra.*

*Ikkunsidrat illi l-actio rei vindicatoria hija azzjoni reali li għandha bħala oġġett tagħha r-rikonoxximent tad-dritt ta' proprjetà tal-attur u konsegwentement it-tutela ta' dak id-dritt u r-restituzzjoni tal-ħaġa reklamata.*

*Il-liġi trid illi sabiex attur jirnexxi f'kawża ta' din ix-xorta jeħtieġlu jipprova d-dominju tal-ħaġa minnu akkwistata leġittimament u li tkun fil-pussess ta' ħaddieħor. Min-naħa l-oħra meta l-konvenut, f'azzjoni rivendikatorja jinvoka favur tiegħu titolu fuq l-art rivendikata, jeħtieġ li l-Qorti teżamina t-titolu pretiż mill-konvenut.*

*........*

*Il-konsiderazzjoni tal-pretensjonijiet diverġenti tal-partijiet, il-Qorti qieset illi r-rikorrenti jippremettu illi huma akkwistaw l-art mertu tal-kawża permezz ta' kuntratt tas-6 ta' Mejju 1966 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia[4], filwaqt li l-intimati jirrispondu illi huma wkoll*

[1] Fol. 18.
[2] Dok A, fol.4.
[3] Dok I, fol. 29.
[4] Dok A, fol.4.

*għandhom titolu, liema titlu huma jgħidu li akkwistaw permezz tal-preskrizzjoni akkwiżittiva trentennali.*

*Jirriżulta lil din il-Qorti illi r-rikorrenti rnexxielhom jipprovaw li t-titlu tagħhom huwa wieħed oriġinali li jmur lura għall-kuntratt t'akkwist tagħhom tas-6 ta' Mejju 1966[5]. Fil-provenjenza tal-istess kuntratt, jingħad illi l-venditur kien xtara l-immobbli li kien biegħ lir-rikorrenti f'din il-kawża b'att tan-Nutar Dottor John Micallef Trigona tal-4 ta' Jannar 1955[6]. Jirrizulta wkoll illi sal-lum ir-rikorrenti jħallsu lill-Uffiċju Konġunt iċ-ċens annwu u perpetwu fuq din l-art[7].*

*Ġaladarba l-konvenuti wkoll qegħdin jivvantaw titlu, jeħtieġ li jiġi eżaminat ukoll it-titlu tagħhom. Fil-kuntratt ta' donazzjoni, l-intimati iddikjaraw[8] li huma:*

> *"akkwistaw din l-għalqa donata bi preskrizzjoni akkwiżittiva għaliex Joseph Micallef sa minn qabel ma żżewweġ lil din martu Rose, ippossjeda din l-għalqa bħala sid, liema pussess kien kontinwu, mhux miksur, paċifiku, u mhux ekwivoku għal iktar minn tletin sena u l-għalqa qatt ma kienet extra commercium".*

*L-intimati qed jirrispondu għalhekk illi għandhom titlu fuq il-proprjetà inkwistjoni permezz tal-preskrizzjoni trentennali. L-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:*

> *"L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni għeluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi."*

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***Antonio Pace v. Rev Henry Abela*** *deċiża fil-5 ta' Lulju, 2004 ġie ritenut illi:*

> *"Fil-każ tal-preskrizzjoni akkwiżittiva trentennali ma hemmx bżonn il-"giusto titolo" u lanqas il-"buona fede" minħabba l-elementi tat-trapass taż-żmien u dak tal-pussess. Biex il-pussess trentennali jagħti lok għall-użukapjoni, hemm bżonn li ma jkunx ekwivoku, u li jkun "animo domini".*

*B'hekk jingħad illi l-pussess li jrid jiġi ppruvat għandu jkun wieħed animo domini. Il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet,* ***Joseph Aquilina v. Sunny Homes Limited****, deċiża 5 ta' Ottubru 2004, fejn ġie ritenut:*

> *"Illi dak li jmiss li jiġi deċiż f'dan l-istadju hija l-pretensjoni attriċi dwar il-proprjetà tal-isqaq. F'dan ir-rigward jiġi osservat li l-attur qed jibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq il-pussess ad usucapionem ossia l-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin sena li għandha bħala l-elementi tagħha il-*

[5] Dok A. Fol.4.
[6] Fol. 53.
[7] Dok H, fol.23.
[8] Fol. 27.

> *pussess leġittimu bir-rekwiżiti kontemplati fl-Artikolu 2107 tal-Kap.16 u ċjoè li l-pussess ikun kontinwu għal dan it-tul taż-żmien, pussess mhux miksur, pubbliku u mhux ekwivoku għaż-żmien li tgħid il-liġi [App.Ċiv.* ***Borg v. Farrugia nomine et*** *[1957] Vol.XLI.I.168; App.Ċiv.* ***Stella Briffa v. Caterina Scicluna*** *[1954] Vol.XXXVIII; u* ***Chetcuti et v. Xerri*** *deċiża 31 ta' Mejju 1996]. L-oneru ta' din il-prova tirrisjedi esklussivament fuq min qed jallegaha, f'dan il-każ l-attur, fuq l-istregwa tal-massima onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat; u fid-dottrina u l-ġurisprudenza hija deskritta bħala prova dijabolika stante li jeħtieġ li tkun univoka fis-sens li ma treġix jekk iċ-ċirkostanzi ta' fatt jistgħu jagħtu lok għall-interpretazzjoni."*

*Inoltre kif ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-16 ta' Diċembru, 2004, fl-ismijiet* ***Nazzareno Fenech v. Mada Developers Limited et****:*

> *"Di diritto għandu jingħad li din ix-xorta ta' preskrizzjoni triġenarja, ma tirrikjedi la titolu u lanqas "buona fede". Dan ifisser li bis-sempliċi pussess leġittimu ta' tletin (30) sena, il-possessur tal-ħaġa jakkwista l-proprjetà tal-ħaġa posseduta minnu. B'dan il-mod tali possessur jakkwista allura l-azzjoni biex jirrivendika dik il-ħaġa kontra kwalunkwe persuna, anki kontra l-istess proprjetarju tagħha precedenti.*
>
> *Premess is-suespost, għal fini ta' effikaċja ta' azzjoni bħal dik eżercitata mill-attur, biex jiġi radikat l-element ta' akkwiżittiva, din ix-xorta ta' preskrizzjoni tippresupponi l-pussess leġittimu li trid il-liġi għaż-żmien kollu tat-trentennju. Hu magħruf inoltre li l-elementi tal-pussess ċivili f'dan il-każ, huma tnejn: dak materjali, jiġifieri l-poter ta' fatt fuq il-ħaġa; u l-ieħor intenzjonali, jiġifieri l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-ħaġa bħal li kieku hu kien il-proprjetarju tagħha. Dan ifisser mela li ma jikkostitwixxix pussess ċivili dak li jonqos fih wieħed jew ieħor minn dawn iż-żewġ elementi."*

*Din il-Qorti filwaqt li tagħmel dawn il-prinċipji tagħha wkoll, tqis li f'dan il-każ, l-intimati ma rnexxielhomx juru kontinwità ta' pussess materjali fuq il-proprjetà de quo da parti għaż-żmien meħtieġ sabiex jiġi ppruvat id-dekors ta' tletin sena.*

*Emanuel Mizzi, xehed hekk bl-affidavit dwar l-intimati*[9]*: - "huma qatt ma ħadmu l-għalqa tat-Trombu għax il-parti li kienet tinħadem dejjem inħadmet minni." B'hekk jingħad illi dan ix-xhud indipendenti qatt ma ra lill-intimati jaħdmu l-għalqa.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għax-xhieda tal-intimat Joseph Micallef stess fejn dan xehed illi huwa kien ilu fl-għalqa madwar erbgħin sena u li Emanuel Mizzi kien iżomm iż-żiemel tiegħu f'għalqa oħra*[10]*. Però*

[9] Dok GG2, fol.8.
[10] Fol. 98.

*jirriżulta illi l-art mertu tal-kawża hija art waħda, u mhux għelieqi separati. Dan fil-fatt jirriżulta mix-xhieda ta' Alan Scicluna*[11] *illi xehed għar-rigward tal-proprjetà J42394 ossia l-għalqa Ta' Dora jew Tat-Tombru, Xgħajra, Ħaż-Żabbar, illi din hija għalqa waħda u li tappartjeni lil Philip Grima. Il-Qorti wara li fliet il-provi kollha dwar x'użu seta' kien qiegħed jagħmel Joseph Micallef mill-għalqa inkwistjoni, mhijiex sodisfatta li huwa pposjeda l-għalqa "animo domini" għaż-żmien kollha kif trid il-liġi.*

*Għalhekk din l-eċċezzjoni tal-intimati ma jistħoqqilhiex li tintlaqa'.*

*Il-Qorti ssib li r-rikorrenti seħħilhom jipprovaw li t-titlu tagħhom huwa wieħed b'saħħtu biżżejjed, sabiex jikkonvinċi lil din il-Qorti li l-ewwel talba tar-rikorrenti jistħoqqilha li tiġi milqugħa, anke peress li, kif intqal, l-intimati ma seħħilhomx iressqu l-provi meħtieġa biex isostnu l-pussess meħtieġ taħt il-preskrizzjoni akkwiżittiva vantata minnhom.*"

11. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors imressaq fit-8 ta' April, 2019 b'żewġ aggravji.

12. L-atturi wieġbu permezz tar-risposta tagħhom tad-29 ta' April, 2019 u taw ir-raġunijiet għala r-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud.

13. Inżamm smigħ fit-8 ta' Ġunju, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet**

14. Illi din hija azzjoni rivendikatorja.

[11] Fol. 94.

15. Il-konvenuti laqgħu għall-azzjoni attriċi billi sostnew li huma kisbu l-art li huma jokkupaw bil-mogħdija taż-żmien, ċjoè bil-preskrizzjoni triġenarja.

16. Illi huwa magħruf li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili** tista' tkun kemm waħda estintiva (jiġifieri, maħsuba li twaqqaf l-azzjoni li tkun bdiet il-parti l-oħra) daqskemm waħda akkwiżittiva (jiġifieri, maħsuba li tasserixxi fil-parti eċċipjenti d-dominju skont il-ħtiġijiet mitluba fil-liġi nnifisha).

17. Illi biex il-preskrizzjoni tat-tletin sena taħt l-**Artikolu 2143** twassal għall-effetti ta' użukapjoni f'min jinvokaha, jeħtieġ li jintwera li huwa kellu l-pussess għal żmien tletin sena u li dan il-pussess kien bħala sid il-ħaġa (*uti dominus*).

18. Minbarra dan, huwa meħtieġ ukoll li l-imsemmi artikolu jinqara flimkien mal-**Artikolu 2107(1)** tal-istess Kodiċi, li jfisser x'għamla ta' pussess huwa meħtieġ. F'dan il-każ, il-liġi trid li l-pussess ikun kontinwu, bla xkiel minn ħaddieħor ("paċifiku"), fid-dieher u mhux ekwivoku ("esklussiv"), b'mod li min kif tkun għaddejja l-preskrizzjoni kontrih seta' jkun jaf – ukoll jekk fil-fatt ma kienx jaf – li l-pussessur qiegħed iżomm b'dak it-titolu (App. Ċiv. 2.3.1962 fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Spiteri v. Francesco Saliba*** (**Kollez. Vol: XLVI.i.149**)). Fuq kollox, fejn il-kisba

ta' titolu bil-preskrizzjoni t-twila titqajjem minn xi parti f'kawża, ikun meħtieġ ukoll li dik il-parti turi b'seħħ minn meta tkun bdiet il-pussess kwalifikattiv tagħha fuq dik il-ħaġa (P.A. PS 27.6.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Salvino Testaferrata Moroni Viani et v. Francis Montanaro*** (mhix appellata)). F'każ bħal dan, madankollu u sakemm il-pussess ikollu l-kwalitajiet li ssemmew aktar qabel, il-pussess li jkun ħaddan u żamm xi antenat immedjat tal-attwali pussessur jgħodd ukoll għall-finijiet tal-għadd taż-żmien meħtieġ biex inissel it-titolu b'użukapjoni (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Frar, 2012 fil-kawża fl-ismijiet ***Antonia Barbara pro et nomine v. Grace Darmanin pro et noe***, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-30 ta' Settembru, 2016).

19. F'din l-istess sentenza ta' ***Antonia Barbara pro et nomine v. Grace Darmanin pro et noe***, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kompliet tfisser:

> *"..., ladarba kienet l-imħarrka li qajmet l-eċċezzjoni tal-akkwist bil-preskrizzjoni, jaqa' fuqha li turi kif imiss li r-rabta tagħha (jew tal-awtur tagħha) mal-għalqa mertu tal-każ kienet tali li, filwaqt li toqgħod għall-ħtiġijiet fuq imsemmija, kienet teskludi b'mod ċar li b'xi mod l-atturi setgħu huma wkoll bnew rapport ġuridiku mal-istess ġid (Maġ (Għ) AE 10.8.2009 fil-kawża fl-ismijiet* ***Clementa Xuereb et v. Rose Muscat et****). Riedet tipprova wkoll li l-pussess gawdut minnha (u mill-imħarrkin l-oħrajn, minn missierha, ħutu u nannuha Fawstinu Ġerada qabilhom) kien wieħed mhux biss animo domini, iżda wkoll imsaħħaħ bil-kwalitajiet l-oħrajn mitluba mil-liġi: f'dan ir-rigward, l-atturi ma kien jeħtiġilhom jippruvaw xejn, jekk mhux il-mala fidi tal-imħarrkin jew l-awturi tagħhom (App. Ċiv. 21.2.1996 fil-kawża fl-ismijiet* ***Sciberras v. Vella et*** *(Kollez. Vol: LXXX.i.398)). Min jeċepixxi favurih il-preskrizzjoni akkwiżitiva tat-tletin sena m'għandux huwa nnifsu għalfejn jipprova li żamm il-ħaġa b'bona fidi, minħabba li*

*l-liġi tippreżumi l-bona fidi (App. Ċiv. 9.2.2001 fil-kawża fl-ismijiet* ***Spiteri v. Baldacchino*** *(Kollez. Vol: LXXXV.ii.47));*

*Illi, madankollu, l-fatt waħdu li l-parti mħarrka tallega li hija sidt il-ħaġa li l-parti attriċi trid tirrivendika għaliha, ma jeħlisx lill-parti attriċi rivendikanti mill-ħtieġa li turi xorta waħda u b'mod xieraq li hija tassew għandha titolu tajjeb għal dik il-ħaġa li tkun suġġett tar-rivendika (Maġ (Għ) AE 26.9.2007 fil-kawża fl-ismijiet* ***Mario Gauċi et v. Grezzju Xuereb et noe*** *(mhix appellata)). U l-prova ta' dak it-titolu tajjeb ma titwettaqx biss u sempliċement billi tinġieb il-prova li l-parti mħarrka m'għandhiex titolu (P.A. PS 28.3.2003 fil-kawża fl-ismijiet* ***Prof. Carmelo Apap Bologna Sceberras D'Amico Inguanez v. Emanuel Sammut****). Il-prova tat-titolu trid tkun waħda pożittiva fi ħdan il-parti attriċi rivendikanti (P.A. MCH 12.10.2011 fil-kawża fl-ismijiet* ***Martin Aquilina et v. Ludgarda sive Riccarda Borġ et*** *(mhix appellata))."*

20. Il-konvenuti ressqu żewġ aggravji li jirkbu fuq xulxin u għaldaqstant se jitqiesu f'daqqa.

21. Permezz tal-**ewwel aggravju**, il-konvenuti saħqu li l-Ewwel Qorti rraġunat b'mod ħażin meta tat piż għall-fatt li huma kienu jaħdmu biss parti mill-art u mhux it-territorju kollu proprjetà tal-atturi. Dan il-fattur qatt ma kellu jittieħed in konsiderazzjoni biex tirnexxi d-difiża tagħhom. Jgħidu li mill-provi rriżulta li kienu ilhom fl-għalqa xi erbgħin sena u kienu jżommu l-art qisha tagħhom għaliex mal-atturi qatt ma tkellmu jew ġew avviċinati minnhom. Jgħidu li ma jistgħux jifhmu kif l-Ewwel Qorti rraġunat dwar il-fatt li l-għelieqi mhux separati u li huma kellhom biss parti mit-territorju. Jisħqu li għall-finijiet ta' eżekuzzjoni wrew b'mod ċar liema kienet dik il-parti mir-raba' li kienu jippossjedu huma u b'hekk l-

Ewwel Qorti kellha tiddikjara li l-parti miżmuma minnhom bil-mogħdija taż-żmien kellha tibqa' tagħhom.

22. Ikomplu li l-Ewwel Qorti saħħet il-konvinċiment tagħha għal raġuni ħażina li biex tirnexxi din l-azzjoni dak li jkun irid bilfors jokkupa għal tletin sena t-territorju kollu tas-sid. L-Ewwel Qorti għamlet dan meta rreferiet għax-xhieda ta' Emanuel Mizzi, iżda fil-fehma tal-istess appellanti x-xhieda ta' Mizzi ssaħħaħ it-teżi tagħhom. Dan Mizzi kien iżomm żiemel f'parti oħra minn dan it-territorju u jgħid li fejn kien iżomm iż-żiemel ma kienx jinħadem mill-appellanti għaliex dawn kienu jaħdmu parti oħra. Jgħidu li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li la huma ma kinux jaħdmu t-territorju kollu imma biss parti minnu, mela allura ma kellhomx dritt jinvokaw l-preskrizzjoni akkwiżittiva. Jisħqu li huma f'ebda waqt tal-kawża ma qalu li kienu jaħdmu t-territorju kollu, iżda huma jridu jiddefendu biss dik il-parti li verament kellhom pussess fuqha bid-drittijiet li ttihom il-liġi. Jekk xejn Mizzi ffirma dokument magħhom li biex jaċċedi għall-post fejn kien iżomm iż-żiemel huwa, jaċċedi minn fuq dik il-parti tal-art miżmuma minnhom. Dan il-fattur waħdu juri li fl-inħawi, Emanuel Mizzi biex jidħol għall-għalqa fejn kien iżomm iż-żiemel, kien jaf biss lilhom. Huwa ma marx jitlob permess lil Grima għaliex ħadd ma kien jaf bihom f'dawk in-naħat.

23. Fit-**tieni aggravju** tagħhom, l-appellanti jsemmu li meta wieħed jaqra s-sentenza appellata hemm bosta kwotazzjonijiet ta' ġurisprudenza li fil-fehma tagħhom jagħtu raġun lilhom. Minkejja dan, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li huma ma rnexxielhomx jippruvaw kontinwità ta' pussess materjali fuq il-proprjetà inkwistjoni għaż-żmien meħtieġ sabiex jiġi ppruvat li għaddew tletin sena. Jgħidu li l-provi juru eżattament il-kuntrarju ta' dak li qalet l-Ewwel Qorti. Barra minn hekk, jgħidu li dwar il-kwistjoni tal-okkupar tal-art mill-atturi fil-kawża, l-affidavits tal-atturi jikkonċentraw aktar fuq it-titlu tagħhom iżda meta jixhdu dwar l-appellanti huwa ovvju li jew ma jgħidux il-verità jew jitkellmu fuq dan il-punt b'mod evażiv ħafna. Isostnu li huma xehdu b'mod konsistenti u anke l-bdiewa kollha tal-inħawi fis-sens li Joseph Micallef kien trabba f'dik il-parti tat-territorju li qiegħed jivvanta dritt fuqu. L-atturi Grima qatt ma kellmuhom jew qalulhom li hemm kien tagħhom. Jgħidu li parti mill-ħamrija kienet tinħadem u f'parti oħra kienu jinżammu xi inġenji għal kważi erbgħin sena bħallikieku l-art kienet tagħhom. Jgħidu li l-atturi Grima bdew dawn il-proċeduri meta l-akkwata daħlet fl-iskema tal-bini u bir-raġun din hija l-motivazzjoni tagħhom, però ma jistgħux issa jċaħħdu d-difiża tagħhom milli tirnexxi.

24. L-atturi laqgħu għal dawn l-aggravji billi qalu li huma ġabu prova sħiħa tat-titlu tagħhom. Jistaqsu kif qatt l-appellanti seta' kellhom pussess separat u esklussiv meta r-raba' inkwistjoni kienet tinħadem

biss minn Emanuel Mizzi li jeskludi l-pussess ta' terzi fir-raba' li kien jaħdem għan-nom tas-sid Philip Grima. Jgħidu li l-appellanti setgħu jidħlu għall-kaċċa f'din ir-raba' fis-siegħat bikrin ta' filgħodu però b'daqshekk ma jagħmlux pussess miftuħ u *animo domini* fuq ir-raba' li kienet qiegħda tinħadem minn Emanuel Mizzi. Jistaqsu kif qatt il-konvenuti appellanti jista' jkollhom pussess tal-oġġett daqslikieku kien tagħhom jew pussess separat u esklussiv meta Joseph Micallef waqqaf lill-istess Nutar milli jwettaq riċerki fuq l-art inkwistjoni meta saret id-donazzjoni lil ibnu u ddikjara li din ir-raba' kienet ilha fil-pussess tiegħu għal aktar minn tletin sena. B'dik id-dikjarazzjoni tiegħu stess juri li tul iż-żmien kien jaf li r-raba' ma kinitx tiegħu imma kien ippretenda li ssir tiegħu għaliex ippretenda li għaliex kien imur għall-kaċċa għal ċertu żmien saret tiegħu. Dan huwa serq ta' raba' li qatt ma kienet fil-pussess tiegħu, li kien jaf li ma kinitx tiegħu, li qatt ma kien xtraha, li kien hemm persuni oħrajn li kienu qegħdin jaħdmu parti minn din ir-raba' li qatt ma raw lil ħadd ġewwa fiha, liema persuni bħal Emanuel Mizzi kien jgħix faċċata tal-istess raba' li żgur f'xi żmien kien jinduna li dawn l-appellanti kienu b'xi mod daħlu fir-raba' tul dawn l-aħħar tletin sena.

25. Ikomplu jgħidu li huma ressqu xhieda ta' terzi persuni li ssaħħaħ l-argument tagħhom li l-appellanti ma kellhomx il-pussess tar-raba'. Jirreferu għax-xhieda ta' Emanuel Mizzi li f'xi żmien kien qiegħed jokkupa din l-istess għalqa, li kienet għalqa waħda, u li wara li rċieva

ittra mingħand Philip Grima ħalla l-istess pussess biex b'hekk il-pussess tal-appellanti ma seta' qatt kien esklussiv u a*nimo domini,* meta f'din l-għalqa kien hemm nies oħra li jidħlu fiha. Tant huwa hekk li rriżulta wkoll li ċertu Kenneth Abela kien ukoll juża din l-għalqa u jdaħħal iż-żiemel sa Ġunju jew Lulju 2016. Jgħidu li kien għall-ħabta ta' Mejju 2016, li huma saru jafu li xi ħadd beda jixħet l-inġenji fuq l-art tagħhom u wara li tkixxfu mexxew billi ppreżentaw il-proċeduri tal-lum.

26. Illi kemm waqt is-sottomissjonijiet finali kif ukoll mill-provi, jirriżulta li t-titlu tal-atturi fuq il-medda tal-art kollha mhux kontestat. Tajjeb li jingħad li l-art tal-atturi hija akbar minn dik il-parti li l-konvenuti jsostnu li kisbu bil-preskrizzjoni trentennali.

27. Fi kwalunkwe każ, l-Ewwel Qorti għarblet tajjeb id-dokumenti eżebiti mill-atturi konsistenti fil-kuntratt ta' xiri u bejgħ tas-6 ta' Mejju, 1966 li permezz tiegħu Philip Grima xtara mingħand Francesco Fenech l-għelieqi fih imsemmija. Ġie eżebit ukoll il-kuntratt tal-4 ta' Jannar, 1955 li permezz tiegħu Francesco Fenech xtara dawn l-istess għelieqi. Fuq dawn l-għelieqi jitħallas ċens, liema ċens baqa' jitħallas mill-istess Philip Grima li għall-ewwel kien jitħallas lill-Knisja ta' San Filippo ġewwa l-Isla u sussegwentement lill-Uffiċċju Konġunt hekk kif jirriżulta mid-dokumenti eżebiti mill-atturi. Dawn l-għelieqi ġew ukoll dikjarati fid-dikjarazzjoni *causa mortis* wara l-mewt ta' Philip Grima.

28. Il-konvenuti Micallef qegħdin jippretendu biss biċċa (*parcel*) mill-art tal-atturi. Huma qegħdin isostnu li kisbu l-biċċa art okkupata minnhom b'riħet l-**Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili.**

29. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Lulju, 2006 fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Sciberras v. Joseph Sciberras et*** ġie mtenni:

> *"Il-liġi tirrikjedi li l-pussess ikun pubbliku u mhux ekwivoku biex it-terz interessat ikollu sewwa sew l-opportunità li jikkontrolla x'inhu jiġri fuq l-art tiegħu u t-terz jitlef l-interess tiegħu fuq l-art jekk jara jew seta' jinduna x'kien qed jiġri u ma jagħmel xejn. F'dan ir-rigward, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* ***Dr. Louis Vella et v. Joseph Gatt et*** *(12 ta' April 2002) ikkwotat l-awtur Baudry-Lacantinerie li jgħid li –*
>
>> *occore sempre, perché il possesso possa operare la prescrizione, che si sia manifestato con atti sufficientemente ripetuti per avvertire il proprietario che si minaccia il suo diritto e metterlo in grado di opporsi…"*
>>
>> *u żiedet li:*
>>
>> *Jekk ma qed jiġri xejn barra mis-soltu fuq il-proprjetà tiegħu, il-proprjetarju m'għandux għalfejn jiġi mċaħħad minn ħwejġu… Li tgħid li hemm tiegħi mingħajr ma tasserih b'atti esterni fuq l-art stess, mhux biżżejjed…"*

30. Għalkemm il-pussess ta' tletin sena għall-finijiet tal-preskrizzjoni akkwiżittiva jista' jkun anke wieħed *mala fede*, u ċjoè fejn il-possessur ikun fil-fatt jaf li l-art li huwa qed jokkupa mhix tiegħu, huwa neċessarju li jippossjediha daqslikieku kienet tiegħu: dan ifisser li ma joqgħodx lura milli jagħmel affarijiet li jista' jagħmel is-sid stess (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju, 2021 fil-kawża fl-ismijiet ***Amabile Camilleri et v. Samuel sive Sunny Baldacchino***).

31. Induru għall-każ tagħna, Joseph Micallef xehed permezz ta' affidavit maħluf f'Jannar, 2017. Qal li kellu 62 sena u li kien ilu li daħal f'din il-biċċa għalqa minn mindu kellu dsatax-il sena u allura jiġi li qiegħed jgħid li kien ilu fil-pussess tar-raba' 42 sena, ċjoè mis-sena 1975. Jiġi nnutat li filwaqt li fir-risposta maħlufa jingħad li l-għalqa kienet ilha fil-pussess tal-konvenuti għal 33 sena, fl-affidavit li sar ftit xhur wara dawn is-snin żdiedu għal 42 sena! L-appellant Micallef jgħid li huwa kien imur fl-għalqa biex imur għall-kaċċa regolament u r-raba' ma kienx jinħadem u kemm kien tella' dura. Jgħid ukoll li kien jiżra' xi ħaxix għall-kċina u għamel xi siġar minħabba l-kaċċa biex jiġbed lit-tajr. Jgħid li l-għalqa kien fiha biċċa ħajt bħala qsami li m'għadux hemm. Ifisser li mas-snin kien żdied il-bini fl-inħawi u billi ma setax jispara arma f'anqas minn mitejn metru mill-abitat, ir-raba' ma baqax tajjeb għal skopijiet ta' kaċċa. Minn dak iż-żmien ir-raba' bdiet tintuża biex huwa u ibnu Mark iżommu l-inġenji li ibnu juża għal xogħlu. Fil-kontroeżami qal li Emanuel Mizzi kien iżomm iż-żiemel f'għalqa oħra aktar 'il fuq fejn hemm kamra u mhux fl-għalqa inkwistjoni.

32. Xhieda oħra mressqa mill-konvenuti xehdu li kienu jmorru fl-għalqa għall-kaċċa ma' Joseph Micallef.

33. Jirriżulta iżda li maż-żmien kien hemm ċertu Leli Mizzi li okkupa parti mill-art tal-atturi bla permess. Biss fil-31 ta' Jannar, 2011 intbagħtet lil dan Mizzi ittra uffiċjali minn Philip Grima li għaliha kien hemm tweġiba fit-2 ta' Marzu, 2012. Wara ħafna taħbit, Mizzi ħareġ mill-għalqa u għamel affidavit. Flok Mizzi daħal Kenneth Abela wara li kien kellem lil Philip Grima u daħal bil-kunsens tiegħu fir-raba'.

34. Fl-affidavit tiegħu Emanuel Mizzi xehed testwalment li: *"f'parti oħra mill-għalqa li naf li hija ta' Philip Grima, Ġużi Micallef u ibnu Mark għandhom xi karozzi mkissrin li kienu jwaddbu hemmhekk. Huma qatt ma ħadmu l-għalqa tat-Tombu għax il-parti li kienet tinħadem dejjem inħadmet minni. Kenneth Abela li daħal warajja fl-għalqa ma jaħdimhiex u juża l-għalqa għaż-żiemel tiegħu. Ta' Micallef jużaw parti mill-għalqa biex jitfgħu l-imbarazz tal-karozzi tagħhom."*

35. Min-naħa l-oħra, Kenneth Abela xehed li fis-sena 2014 Philip Grima kien krielu biċċa art biex ipoġġi ż-żiemel. Din kienet imdawra b'ċint. Għamel xi sena u nofs fiha. Bint Philip Grima keċċietu minnha u xi sitt xhur wara tatu l-kunsens tagħha mill-ġdid biex jidħol fiha. Xorta spiċċa ħareġ minnha għaliex darba marret Doreen Grima u bdiet issemmi li l-art tagħhom hija aktar mill-għalqa li kien fiha huwa. Qaltlu biex ma jħalli lil ħadd jitfa' affarijiet aktar hemm u qisu ma riedx jidħol f'inkwiet. Darba ra li nxteħtu xi kontejners u kien avżaha. Dan kien lejn l-

aħħar tas-sena 2015 u bidu tas-sena 2016. Huwa ma kienx jagħmel ħin twil u kien imur wara x-xogħol. Huwa għaraf il-pjanta eżebita mill-atturi mar-rikors maħluf. Ma kienx jaf ta' min kienet l-art barra x-xatba però qal li l-art barra x-xatba ma kinitx tinħadem. Ġieli kien ikollhom xi trakk l-intimati. Fil-kontroeżami xehed li meta mar ma' Philip Grima kienu waqfu fejn ix-xatba. Ma qallux li barra x-xatba kien tiegħu. Doreen Grima qaltlu li barra x-xatba huwa tagħhom.

36. Mill-assjem tal-provi għalhekk jirriżulta li kuntrarjament għal dak li xehed l-appellant Joseph Micallef l-art li qiegħed isostni li ilha erbgħin sena fil-pussess tiegħu ma kinitx tinħadem. Ta' interess huma l-affidavits li nħalfu quddiem in-Nutar Dottor Carmelo Lia fit-23 ta' April, 2012 u s-16 ta' April, 2012 minn Joseph Scerri u Emanuel D'Amato li ddikjaraw li huma minn dejjem kienu jafu li din l-għalqa kienet ta' Joseph Micallef u li ħadd ma pprova jkeċċih. D'Amato ddikjara hekk b'referenza għall-appellant Joseph Micallef, "*..minn żgħożiti niftakar li din l-għalqa kien jokkupa hu mhux billi jaħdimha iżda biex iżomm fiha l-affarijiet tax-xogħol tiegħu. Hu kien jużaha s-sena kollha u fl-istaġun tal-kaċċa kien jużaha għal dan id-delizzju tiegħu ukoll.*"

37. Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti Joseph Scerri jgħid li kienu jkunu fl-għalqa għall-kaċċa u li darba talab lil Joseph Micallef biex jaħdem l-art. Sinjal ukoll li l-art ma kinitx tinħadem minn Micallef. Dan ix-

xhud qal li r-raba' qatt ma kienet tinħadem minn ħadd inkluż minn Mizzi. Xehed ukoll li lil Kenneth Abela ma jafux. Qal ukoll li ma jaf lil ħadd b'żiemel hemmhekk. Ix-xhieda ta' dan ix-xhud ma tantx tista' titwemmen anke għaliex l-istess appellant Joseph Micallef għaraf li Mizzi kien iżomm żiemel anke jekk qal li kien iżommu f'għalqa aktar 'il fuq. L-istess jista' jingħad għax-xhieda ta' Emanuel D'Amato, li fl-aħħar mill-aħħar jgħid li huwa miż-Żurrieq li xehed li kien imur fl-għalqa fil-Ħdud u anke fost il-ġimgħa fiż-żmien tal-kaċċa u tas-sajd.

38. Min-naħa l-oħra l-appellant Mark Micallef, li fiż-żmien tal-affidavit kellu erbgħin sena, xehed biss li, "*Fil-bidu l-art kienet tintuża minn missieri biex jiżra' xi ħaġa fiha u anke għall-kaċċa. Jiena sa minn dejjem niġġerra f'dina l-art u maż-żmien meta jiena bdejt nikber u l-bini fl-akkwata żdied, l-art bdejna nużawha biex nipparkjaw il-vetturi u peress li jiena dilettant tal-karozzi tal-ġiri kont ukoll naħdem f'din l-art fuq il-karozza tiegħi.*" Kompla jixhed li huwa kuntrattur żgħir u jħalli xi inġenji u oġġetti oħra fuq din l-art.

39. Dwar ix-xhieda ta' Mark Micallef din il-Qorti tqis li meta huwa jgħid li fil-bidu l-art kienet tinżera' ma jistax jitwemmen. Skont missieru huwa kien ilu fir-raba' sa mis-sena 1975. Mark Micallef twieled sena wara u għalhekk żgur ma jistax jixhed dwar x'kien jiġri qabel ma twieled jew fl-

ewwel snin ta' ħajtu meta żgur ma jistax iżomm amment ta' dak li kien jiġri.

40. Huwa ovvju għalhekk li għall-perjodu twil din il-biċċa raba' jekk intużat kien biex issir kaċċa minnha. Għalhekk ma jistax jingħad li l-pussess kien fid-dieher għaliex għall-kaċċa wieħed ma jagħmilx ġranet sħaħ kuljum. B'hekk ma jistax jitqies li tul il-perjodu li l-għalqa ntużat għall-kaċċa l-pussess kien jissodisfa l-element tal-pubbliċità hekk kif trid il-liġi.

41. Il-konvenuti jsostnu li bdew jixħtu l-inġenji u oġġetti oħra. Huma jonqsu li jsemmu data jew sena meta bdew jixħtu l-oġġetti jew vetturi. Fl-agħar ipoteżi għalihom, ġaladarba Mark Micallef twieled fis-sena 1976, preżumibilment seta' jsuq l-inġenji ta' tmintax-il sena li tiġi s-sena 1994.

42. Intqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Marzu, 2019 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony E. Guillaumier et v. Daniel Orsini*** "*Fil-fatt lanqas ma ssemmiet data minn meta George Orsini beda jippossjedu. Mhuwiex biżżejjed li l-imsejjaħ fil-kawża jgħid "Din kienet minn dejjem f'idejn missieri George Orsini" mingħajr ma jitressqu provi konkreti.*"

43. Mod ieħor jingħad li ma jistgħux l-appellanti jkunu evażivi daqskemm kienu u jippretendu li l-Qorti ttihom raġun. Dan barra mill-fatt li anke għalkemm l-appellanti jgħidu li ppossedew l-art, is-snin ta' kemm kien dan il-pussess inbidlu u ma kienx hemm konsistenza min-naħa tagħhom. Il-prova ta' minn meta kellu jibda għaddej iż-żmien favurihom kienet taqa' fuqhom. Kif diġà ngħad il-perjodu ta' meta ngħad li kien isir kaċċa minn fuq din ir-raba', jekk dan seħħ verament għaliex anki hawn il-Qorti mhix konvinta għalkollox, ma setax jitqies għall-mogħdija taż-żmien.

44. Għal dak li huwa ż-żmien meta l-appellanti jgħidu li bdew jixħtu l-inġenji, vetturi u oġġetti oħra, fl-aħjar ipoteżi dan kien f'perjodu aktar reċenti. Jirriżulta iżda li l-atturi bagħtu ittra uffiċjali fis-sena 2016 u fetħu l-kawża fl-istess sena meta allura kienu għaddew biss 22 sena.

45. L-argument imressaq mill-konvenuti li Emanuel Mizzi u Kenneth Abela ħadu l-permess mingħand il-konvenuti biex jgħaddi minn fuq l-art tagħhom u li dan ifisser li għal kulħadd kien magħruf li l-art kienet tagħhom mhuwiex ta' fejda għall-istess konvenuti. Ma jfisser xejn u dan meta tressqu provi li jmorru kontra l-pretensjoni tagħhom li huma kienu qegħdin jippossjedu l-art a*nimo domini.*

46. Il-konvenuti argumentaw ukoll li l-Ewwel Qorti żbaljat meta tat piż għall-fatt li l-art li jokkupaw il-konvenuti hija biss parti minn art akbar. Din il-Qorti ma taqbilx għaliex bħala fatt irriżulta li l-għalqa inkwistjoni ma kellhiex qsami u b'hekk verament kienet art waħda u ma kienx faċli allura biex is-sidien setgħu jindunaw li l-art kienet qiegħda tiġi okkupata mill-appellanti meta jidher li kien hemm ukoll terzi li kienu jidħlu f'din ir-raba'.

47. Barra minn hekk irriżulta li l-istess Philip Grima u wliedu matul is-snin baqgħu juru interess fl-istess għelieqi proprjetà tagħhom. Tant li meta Philip Grima nduna li Emanuel Mizzi okkupa parti mill-art mingħajr kunsens tiegħu u għalhekk bla jedd, ħa l-proċeduri legali li wasslu sabiex Mizzi ħareġ mill-art.

48. L-appellanti saħqu ħafna li l-Ewwel Qorti rraġunat li għaliex huma ma ħadmux it-territorju kollu allura ma setgħux jippreskrivu favur tagħhom. L-Ewwel Qorti ma qalitx li *a priori* huma ma setgħux jippreskrivu favurihom għaliex okkupaw biss parti minn territorju akbar, iżda meta għarblet il-provi kkonkludiet li ladarba rriżulta li l-art kienet art waħda li fiha kienu jidħlu terzi, apparti l-istess appellanti, ma kinitx sodisfatta li Micallef ippossjeda l-għalqa *animo domini* għaż-żmien kollu kif trid il-liġi. Fl-aħħar mill-aħħar l-istess Joseph Micallef xehed li, "*Ir-raba' kien fih biċċa bħala qsami iżda llum dawn m'għadhomx hemm.*"

Ma tressqet ebda prova oħra min-naħa tal-appellanti kif waslu għall-kejl u deskrizzjoni li huma niżżlu fil-kuntratt ta' donazzjoni li sar fil-15 ta' Settembru, 2005 u li ġiet deskritta bħala, "*l-għalqa bla isem murija fi pjanta prodotta mill-partijiet hawn annessa u mmarkata Dokument "X", fil-limiti tax-Xgħajra, li mill-Grigal tmiss ma' Triq Santa Elija, mill-Majjistral tmiss in parti ma' Triq ix-Xatt, u in parti ma' raba' ieħor f'idejn Joseph Scerri, mix-Xlokk tmiss ma' bini li qed isir jiġifieri binja ġdida tal-Knisja tax-Xgħajra, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, tal-kejl ta' ċirka elf mija u sebgħin metri kwadri (1,170mk), {liema kejl miġjub mill-partijiet konsistenti f'disgħa u ħamsin pied fil-faċċata mat-Triq Sant Elija u fuq wara sittin pied, ta' forma kważi rettangolari, tul ta' mitejn u sitt piedi}.*"

49. Għaldaqstant dawn l-aggravji qegħdin jiġu miċħuda billi mhumiex siewja.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-konvenuti Micallef, u b'hekk tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti. It-terminu ta' xahrejn sabiex il-konvenuti Micallef ineħħu l-kontejner, il-qafas ta' karozza ossia *scrap,* il-biċċiet tal-ħadid, il-*white goods,* l-i*speed boat*, iż-żiemel ta' trakk u l-oġġetti oħra jitlaq mil-lum.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-konvenuti Micallef.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr